# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1010/2021 LC

**JOSETTE SCERRI (K.I. 412258M)**
**PAUL MIFSUD (K.I. 245461M)**
**STEPHEN MIFSUD (K.I. 412258M)**
**MARIA CELINA BENN (K.I. 69763M)**
**THERESE AQUILINA (K.I. 79755M)**
**STEPHEN MIFSUD (K.I. 9067M)**
**FRANCO MIFSUD (K.I. 378073M)**
**MICHELLE KAREN MIFSUD (K.I. 395490M)**
**JANE CHIRCOP NEE MIFSUD (K.I. 07576M)**
**JOSEPH CHIRCOP (K.I. 149473M)**
**MARY ANNE DEBONO (K.I. 0872852M)**
**ALBERT BUHAGIAR (K.I. 0852953M)**
**PAUL BUHAGIAR (K.I. 0846254M)**
**JOSEPH BUHAGIAR (K.I. 0477256M)**

***VS***

**AWTORITA TAD-DJAR**

**CARMEN BUGEJA (K.I. 0058342M)**

Illum, 18 ta' Ottubru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Josette Scerri et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u Jiddeċiedi illi l-intimata Carmen Bugeja hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond *17, Conception Street, Marsa* u tikkwalifika bħala kerrej ta’ dar ta’ abitazzjoni abbażi ta’ din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b’hekk intitolata tkompli tokkupa d-dar ta’ abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta’ Carmen Bugeja fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2021, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta’ Diċembru tal-2020.

III. Jiddikjara u Jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond *17, Conception Street, Marsa* u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

IV. Jordna, f’każ illi l-intimata Carmen Bugeja ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat Carmen Bugeja mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u

perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-11 ta' Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) il-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilin tissodisfa it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta' Carmen Bugeja (KI 0048342M) tat-28 ta' Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet: (i) illi mhux kontestat illi l-esponenti tgawdi b'titolu ta' kera, kif protetta ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, il-fond 17, Triq il-Kunċiżżjoni, Marsa fejn l-esponenti tgħix sal-ġurnata tal-lum. Dan minnu nnifsu jagħtiha l-jedd li tibqa' tirrisjedi fil-fond skont il-liġi kif, *del resto*, jidher li jaċċettaw ir-rikorrenti; (ii) illi d-dħul tal-intimata ma jiżboqx dak li tistabbilixxi l-liġi u għalhekk m'għandhiex dħul u/jew proprjetà li tippermetti lir-rikorrenti li ma jirrikonoxxux lill-intimata fil-pussess tal-kirja tagħha u għalhekk għandha tibqa' tokkupa l-fond in kwistjoni sakemm hija tibqa' ordinarjament residenti hemmhekk għax m'għandhiex fejn tmur u m'għandhiex flus u proprjetà biex tixtri

u/jew tikri xi mkien ieħor u dan kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; (iii) illi jekk dan l-Onorabbli Bord iqis li r-rata ta' kera għandha tiżdied dan il-Bord għandu f'kull każ jikkunsidra l-aspetti soċjali u finanzjarji tal-esponenti, inkluż l-eta' u l-kundizzjoni ta' saħħa tagħha, kif ukoll il-finanzi limitati kif issemma' fit-tieni paragrafu; (iv) illi l-ammont ta' kera rivedut minn dan l-Onorabbli Bord m'għandux jilħaq il-massimu ta' tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ iżda kwalunkwe reviżjoni għandha tirrispekja l-bżonnijiet tal-intimata li hija armla ta' tmenin sena li tqis l-istess fond bħala residenza ordinarja tagħha u (v) f'kull każ, il-protezzjoni mogħtija lill-intimata bil-liġi għandha tibqa' tippersisti fil-konfront tagħha.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-13 ta' Jannar 2022, l-intimata wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Diane Marie Psaila u l-Perit David Anastasi, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi huma kompropjetarji tal-fond 17, Conception Street, Marsa, li huma akkwsitaw *per via di successione* mill-antekawża tagħhom *ossia* Gaetana Busuttil, u sussegwentement mingħand Guseppi Mifsud, Antonio Mifsud, Emaneula Camilleri, Maria Buhagiar u Francis Mifsud fis-sehem ta' 1/5 indiviż kull wieħed mill-istess propjeta'. Ir-rikorrenti Josette Scerri, Paul Mifsud u Stephen Mifsud akwistaw is-sehem indiviż ta' dan il-fond mingħand missierhom Francis Mifsud, u dan kif jirriżulta mit-testment[1] tiegħu tal-4 ta' Lulju 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri. Permezz tad-Dikjarazzjoni[2] Causa Mortis tas-26 ta' Settembru tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, ir-rikorrenti Maria Celina Benn akwsitat sehem indiviż minn dan il-fond, u dana wara l-mewt ta' missierha Antonio Mifsud. Ir-rikorrenti Theresa Aquilina akwistat sehem indiviż minn dan il-fond, wara l-mewt ta' ommha Emanuela Camilleri, liem wirt ġie debitament ddikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini tal-att[3] ta' dikjazzjoni causa mortis tad-9 ta' Settembru tas-sena 2003, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon. Ir-rikorrenti Stephen Mifsud, Franco Mifsud, u Jane Mifsud, huma l-ulied tal-mejjet Paul Mifsud, li dan tal-aħħar kien wiret sehem indiviż minn dan il-fond, wara l-mewt ta' missieru Ġużeppi Mifsud, u dan kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni[4] tan-Nutar Joseph Debono datata l-24 ta' April, tas-sena 2010 u mid-dikjarazzjoni[5] causa mortis tat-30 ta' Awwissu 2006 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono. Ir-rikorrenti Stephen Mifsud,

[1] Dok. "A" a fol. 6 tal-atti proċesswali.
[2] Dok. "B" a fol. 9 tal-atti proċesswali.
[3] Dok. "D" a fol. 13 tal-atti proċesswali.
[4] Dok. "F" a fol. 21 tal-atti proċesswali.
[5] Dok. "E" a fol. 18 tal-atti proċesswali.

Franco Mifsud, u Jane Mifsud flimkien mar-rikorrenti Michelle Karen Mifsud u Joseph Chricop bis-saħħa tal-att[6] ta' akkwist tas-6 ta' Mejju 2013, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono akwistaw is-sehem indivż li kien jappartjeni lil Carmelo Mifsud, iben l-imsemmi Ġużeppi Mifsud. Ir-rikorrenti Mary Anne Debono, Albert Buhagiar, Paul Buhagiar u Joseph Buhagiar wirtu s-sehem indiviż tal-fond mertu dawn il-proċeduri mill-eredita' ta' ommhom Maria Buhagiar, u dan kif jirriżulta mill-att[7] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis tas-26 ta' Awwissu tas-sena 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-atti appena msemmija, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sid tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond *de quo* ilu mikri lill-intimata Carmen Bugeja bil-kera miżera wara li kien ġie hekk lokat mill-antekważa tar-rikorrenti, *ossia* Gaetana Busuttil, bil-kera ta' €277.50, fis-sena bil-quddiem. L-intimata fir-risposta tagħha tikkonferma illi hija tgawdi b'titolu ta' kera , kif protetta ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, il-fond 17, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa, fejn hija tgħix sal-ġurnata tal-lum.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimata hija l-inkwilina ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata mid-dikjarazzjoni tal-intimata fir-riposta tagħha, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Carmen Bugeja hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

[6] Dok. "G" a fol. 22 tal-atti proċesswali.
[7] Dok. "I" a fol.

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Carmen Bugeja, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta' Carmen Bugeja, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi Carmen Bugeja **ma teċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'*maisonette* b'kamra tas-sodda waħda fuq sular wieħed, sottoposta propjeta' ta' terzi. Din il-propjeta' tinsab f'żona residenzjali u kummerċjali fil-periferija tal-Marsa. Il-kejl kumulattiv internament huwa ta' ċirca 49 metru kwadru. Għalkemm il-fond jidher f'kundizzjoni relattivament tajba, jidher li fil-kċina hemm soffit

tal-injam li sar biex ikopri problema strutturali fis-saqaf, indikattiv għal problemi ta' dħul ta' ilma jew umdita'.

Illi l-Periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip, il-kondizzjoni tal-propjetà u l-iskemi ta' bini eżistenti applikabbli fuq is-sit, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar 2021 fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[8]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

[8] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimata Carmen Bugeja hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 17, Conception Street, Marsa u tikkwalifika bħala kerreja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk hija intitolata tkompli tokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni.

3. Jilqa' it-tielet talba jiddikjara illi l-kera tal-fond 17, Conception Street, Marsa, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Carmen Bugeja għal-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) fis-sena u jordna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante illi l-intimata tissodisfa il-kriterji tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorita' intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**